

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Diċembru 2016 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Berlin – il-Ġermanja) – Sidika Ucar (C-508/15), Recep Kilic (C-509/15) vs Land Berlin**

(Kawżi Magħquda C-508/15 u C-509/15) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija — Deċiżjoni Nru 1/80 — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 — Dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork fis-suq regolari tax-xogħol ta' Stat Membru — Kundizzjonijiet — Assenza ta' neċessità għall-ħaddiem Tork li jkun jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol matul l-ewwel tliet snin tar-residenza tal-membri tal-familja)*

(2017/C 053/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Berlin

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Sidika Ucar (C-508/15), Recep Kilic (C-509/15)

Konvenut: Land Berlin

**Dispożittiv**

L-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tagħti dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti lill-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork, li ġie awtorizzat jidħol f'dan l-Istat Membru, għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja, u li, sa mid-data tad-dħul tiegħu fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru, għex ma' dan il-ħaddiem Tork, anki jekk il-perijodu ta' mill-inqas tliet snin li matulu dan tal-aħħar kien jagħmel parti mis-suq regolari tax-xogħol ma bediex immedjatament mal-wasla tal-membri tal-familja kkonċernat fl-Istat Membru ospitanti, iżda warajha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 16, 18.1.2016.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-21 ta' Diċembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberster Gerichtshof – l-Awstrija) – Daniel Bowman vs Pensionsversicherungsanstalt**

(Kawża C-539/15) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Direttiva 2000/78/KE — Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol — Artikolu 2(1) u (2) — Diskriminazzjoni bbażata fuq l-età — Ftehim kollettiv ta' xogħol — Estensjoni tat-terminu għall-avvanz mill-ewwel għat-tieni skala salarjali — Inugwaljanza fit-trattament indiretta bbażata fuq l-età)*

(2017/C 053/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Daniel Bowman

Konvenuta: Pensionsversicherungsanstalt

**Dispożittiv**

L-Artikolu 2(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix ftehim kollettiv ta' xogħol nazzjonali, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li bis-saħħa tiegħu impjegat, li jibbenefika mit-teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi skolastiċi għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tiegħu fl-iskali salarjali, huwa suġġett għal estensjoni tat-terminu għall-avvanz mill-ewwel għat-tieni skala salarjali, peress li din l-estensjoni tapplika għal kull impjegat li jibbenefika mit-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-perijodi, inkluż b'mod retroattiv għal dawk li jkunu diġà laħqu l-iskali segwenti.

(<sup>1</sup>) ĠU C 27, 25.1.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba'Awla) tal-21 ta' Diċembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kúria – l-Ungerija) – Interservice d.o.o. Koper vs Sándor Horváth**

(Kawża C-547/15) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kodiċi Doganali tal-Komunità — Regolament (KEE) Nru 2913/92 — Artikolu 96 — Proċedura ta' tranżitu estern — Kunċett ta' "trasportatur" — Assenza ta' preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni — Responsabbiltà — Sottotrasportatur li ta lura l-merkanzija lit-trasportatur prinċipali fil-parking tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni u reġa' ħa l-pussess ta' din il-merkanzija fi traġitt sussegwenti)

(2017/C 053/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Qorti tar-rinviju**

Kúria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Interservice d.o.o. Koper

Konvenut: Sándor Horváth

**Dispożittiv**

- 1) Il-kunċett ta' "trasportatur", li għandu obbligu li jippreżenta l-merkanzija intatta fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni msemmi fl-Artikolu 96(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 648/2005, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' April 2005, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jinkludi kull persuna, inkluż sottotrasportatur, li effettivament twettaq it-trasport tal-merkanzija suġġetta għall-proċedura ta' tranżitu Komunitarju estern u tkun aċċettat dan it-trasport bl-għarfien li l-imsemmija merkanzija kienet suġġetta għal din il-proċedura.